~~li hi qargħa ħamra. U karettun ta' bagħal ma jġorrx aktar minn tliet qargħât ħomor, daqs kemm hu kbir!"~~

~~"Issa nagħmilhielu!" qal iż-żagħżugħ ta' Ġerusalemm; għal hekk ħadu fejn kien hemm ħnejja qadima, fuq it-triq, imżakkra, u bil-ġebel imwaqqa' taħtha. U kif waslu ħdejha, iż-żagħżugħ neħħa t-tarbux minn rasu u qagħad għarkubbtejh fl-art, u radd is-salib. "X'int tagħmel?" saqsieh il-Portugiż.~~

~~"Qiegħed nistqarr li gdibt, u nitlob 'l Alla jaħfirli. Għax qabel ma ħriġt ommi talbitni xi ħaġa tal-flus, u għedtilha li ma kellix, għad li kelli. Għax min jgħaddi minn taħt dil-ħnejja u jkun gideb, jekk ma jistqarx dnubu, taqa' ġebla fuqu. Ara kemm ġebel hawn fl-art; dan kollu waqa' fuq il-giddieba!"~~

~~Il-Portugiż sar isfar lellux, u xteħet għarkubbtejh fl-art u beda jagħti fuq sidru u jgħid: "Mela nistqarr li gdibt! It-tin tagħna m'hux kbir bħal ma għedt jien, imma żgħir, daqs tagħkom xorta waħda; il-larinġ tagħna m'hux daqs id-dulliegħ tagħkom, anqas it-tadam ma hu daqs il-qara' aħmar. Kollox daqs tagħkom. Mulejja aħfirli għax gdibt!"~~

~~Iż-żagħżugħ inqasam bid-daħk, u qallu: "Kollox sewwa, għaddi. Issa ma jiġrilek xejn.!"~~

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-Gublew tal-Fidda Sacerdotali tal-Vigarju General ta' l-Ordni.** Fit-12 ta' Ġunju li għadda, li kien it-Tieni Ħadd fuq Għid il-Ħamsin, ir-Reverendissmu P. KOSTANTINU KOSER, O.F.M., Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni kollu Franġiskan, għalaq il-25 sena mill-Ewwel Quddiesa Tiegħu. Għal din l-okkażżjoni, il-Provinċji kollha franġiskani mxerrdin mad-dinja tqanqlu bil-ferħ u b'funzjonijiet, b'talb u b'għemejjel oħra qaddisa wrew il-qima u l-imħabba tagħhom ta' ulied lejn il-Missier u Mexxej spiritwali tagħhom.

Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, b'amar tar-Rev.mu P. Kustodju u tal-Ven. Diskretorju tagħha, fis-Santwarji, fil-Knejjes u kappelli, kif ukoll fil-Kunventi, fid-Djar u f'kull fejn tinfirex is-setgħa tagħha, dak il-jum, 12 ta' Ġunju, ġie dikjarat "JUM FRANĠISKAN", li fih, kull ma sar ta' ġid spiritwali f'dak il-jum mill-Missjunarji, mis-Sorijiet u mill-insara, kollu ġie magħmul skond il-fehma tar-Rev.mu P. Vigarju Ġenerali.

Fil-kbar funzjonijiet li saru f'dak il-jum, mal-Patrijiet Franġiskani ħadu sehem ukoll l-Eċċ. Tiegħu r-Reverendissmu Mons. A. Sepinski O.F.M., Arċisqof u Delegat Appostolku għal Ġerusalemm u l-Palestina, x'wħud mill-Isqfijiet u Kleru ieħor mill-Orjentali, ukoll minn dawk mifrudin u ma naqsux ukoll Uffiċjali li jirrappreżentaw l-Awtorità Ċivili ta' Ġerusalemm.

N.B. — Ukoll il-Provinċja tagħna ta' Malta f'dak il-jum ma naqsitx li turi l-qima u l-imħabba tagħha lejn ir-Rev.mu P. Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni f'dan il-Gublew tal-Fidda Saċerdotali Tiegħu. Il-JUM FRANĠISKAN ġie ukoll dikjarat għal

Provinċja tagħna kollha qisu, ftit jew wisq, bħal dak ta' l-Art Imqaddsa u ta' Provinċji oħra ta' l-Ordni.

Ir-Reverendissmu P. Kostantinu Koser hu iben ta' waħda mill-Provinċji Franġiskani tal-Brażil. Bniedem ta' kbir għerf, għaqal u tjieba, li għall-ħila u l-esperjenza tiegħu, fit-3 ta' Novembru li għadda, kien ġie magħżul biex jieħu t-tmexxija ta' l-Ordni Franġiskan f'idejh bit-titlu ta' Vigarju Ġenerali, wara l-ħatra ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. A. Sepinski, bħala Delegat tas-Santa Sedi għall-Palestina u Ġerusalemm. J'alla Kristu jgħinu.

**Gublew tad-Deheb tal-W.R.P. Beneditt Poletti O.F.M.** Nifirħu wkoll minn qalbna u nagħmlu l-aħjar xewqat lill-ħabib u kollega tagħna l-W.R.P. BENEDITT POLETTI, O.F.M., li f'din is-sena għalaq il-50 sena tas-Saċerdozju tiegħu. Huwa iben il-Provinċja Franġiskana ta' "Kristu Re" ta' Bolonja u ilu 35 sena jaqdi l-Art Imqaddsa bħala Kummissarju tat-Terra Santa f'dik il-Belt.

Iċċelebra l-"Ġublew tad-Deheb Saċerdotali" tiegħu f'Bolonja, u għal din l-okkażżjoni r-Rev.mu P. Kustodju tat-Terra Santa kitiblu hekk: "Iżda wkoll għalina, Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, il-Ġublew tad-Deheb Saċerdotali tiegħek hu okkażżjoni ta' ferħ u hena, ta' xewqat tajba u ta' riżq għal persuntek, ta' ħajr u tifħir lill-Mulej. Għax minn dawn il-50 sena ta' Saċerdozju tiegħek, aktar minn 35 minnhom kienu ta' qadi għall-Art Imqaddsa bħala Kummissarju, bħala propagandista ta' l-Imkejjen Imqaddsa tal-fidwa tagħna bħala ħabib tal-pajjiż ta' Ġesù, billi

tfittex tgħin lil ħutek u lin-nies li jgħammru fl-Art Imqaddsa".

Id-Direzzjoni ta' "Leħen l-Art Imqaddsa" hija wisq ferħana li twassal ix-Xewqat ta' ferħ ġid u hena tagħha: *Ad Multos Annos.*

**"Acting Chancellor" tad-Delegazzjoni Appostolka tal-Palestina f'Ċipru.** Ir-Reverendissmu Mons. Korradu Balducci, Chargè d'Affaires tad-Delegazzjoni Appostolka tal-Palestina kiteb lir-Reverendissmu P. Lino V. Coppiello, Kustodju ta' l-Art Imqaddsa li s-Segreterija ta' l-Istat tal-Qdusija Tiegħu, il-Papa Pawlu VI, ħatret lir-Rev. P. Flavjanu Randon bħala rappreżentant ta' l-istess Delegazzjoni Appostolka f'Ċipru bit-titlu ta' "ACTING CHANCELLOR".

Id-Direzzjoni ta' "*Leħen l-Art Imqaddsa*" tifraħ lir-Rev. P. Flavjan Randon għal din in-nomina għolja u lill-Kustodja tat-Terra Santa wkoll li iben minn tagħha ġie mgħolli għal dan l-uffiċċju ta' responsabbiltà.

**Il-Populazzjoni tas-Sirja kif fl-Aħħar Statistka.** L-aħħar ċensiment li sar fis-Sirja jagħti dan il-għadd ta' 4,025.165 ruħ li, skond ir-reliġjon tagħhom, huma mqassmin hekk: 32,034 huma lhud, 11,760 insara xismatċi nestorjani, 12,535 protestanti, 5,723 kaldei, 19,291 maroniti, 7,079 latini, 20,716 sirjani kattolki, 20,637 armeni kattolki, 60,124 griegi kattolki, 55,343 sirjani ortodossi, 114,041 armeni ortodossi, 181,750 griegi ortodossi, 3,326 jazidi, 125063 drusi, 40,142 ismajliti, 15,687 xiti, 429,441 alawiti, 2,870,473 sunniti. Ma' dawn hemm ukoll xi għadd ieħor ta' fuq il-100,000 rifuġjati mill-Palestina, umusulmani u nsara, kattolki jew ortodossi.